MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 73/2003

**Charlton Cassar**

**vs**

**Kunsill Lokali Munxar**

**Direttur Progetti u Zvilupp Ministeru Ghal Ghawdex**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Peress illi l-konvenuti jew min minnhom ghandhom ihallsu lill-attur is-somma ta’ erba’ mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin (Lm423) dovuti lilu bhala hlas ta’ danni sofferti minnu fil-vettura tieghu tal-marka MG u bin-numru tar-registrazzjoni ABF 291 fi Triq ir-Rabat, Xlendi, Ghawdex, liema hsarat gew ikkagunati meta l-attur ghadda minn fuq *sleeping policeman* li gew introdotti fl-istess triq, li la kienu mizbugha, la kien hemm sinjali biex jindikaw li fil-vicin kien

hemm dawn l-istess *sleeping policeman* u lanqas kien hemm xi dawl sabiex l-istess *sleeping policeman* ikunu jidhru, stante illi l-incident mertu ta' din il-kawza sehh bil-lejl.

Il-konvenuti ghandhom jigu kkundannati ihallsu ukoll l-imghaxijiet fuq dan l-ammont, l-ispejjes ta' l-ittra interpellatorja mibghuta fis-sitta (6) ta' Mejju 2003 (Dok A) u l-ispejjes ta' din il-procedura."

Ra r-risposta tal-konvenut Kunsill Lokali Munxar:

1. "Illi d-domandi attrici ghandhom jigu michuda bhala infondati fid-dritt u fil-fatt.

2. Illi dan l-incident sehh unikament u esklussivament minhabba negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolament tat-traffiku da parti ta' l-attur u b'mod partikolari minhabba sewqan eccessiv.

3. Illi kuntrarjament ghal dak li jinghad mill-attur, l-isleeping policemen huma vizibbli. Ma jkunux vizibbli biss ghal min kien qed isuq bi speed esagerat. Il-fatt li l-attur ma rahomx u l-entita' tad-danni huma minnhom infushom awto-inkolpanti ghaliex juru speed kbir da parti ta' l-attur li pogga lilu nnifsu fil-posizzjoni li ma jarax dak li kien vizibbli.

4. Illi fi kwalunke kaz dan il-Kunsill ma jistax ikun tenut responsabbli billi x-xogholijiet imsemmija kienu qed isiru minn kuntrattur kompetenti.

5. Illi huwa l-obbligu tal-Manufacturing and Servicing Section fil-Ministeru ta' Ghawdex li jwahhal it-tabelli li jirregolaw it-traffiku, u ghalhekk il-Kunsill konvenut m'ghandux jittiehed responsabbli ghal dan in-nuqqas.

6. Illi minghajr pregudizzju ghall-premes l-ammont reklamat mill-attur huwa esagerat.

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt."

Ra r-risposta tad-Direttur Progetti u Zvilupp:

1. "Illi d-domandi attrici ghandhom jigu michuda bhala infondati fid-dritt u fil-fatt. Fl-ewwel lok, l-attur naqas illi jindika d-data meta gara l-allegat incident u ghaldaqstant pogga lill-konvenut f'sitwazzjoni illi ma jistax jiddefendi ruhu adegwatament.

2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-incident sehh unikament minhabba negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-attur, u b'mod partikulari imhabba sewqan eccessiv.

3. Illi x-xogholijiet ta' tqieghid ta' sleeping policeman ma hix kompetenza tad-Direttur Progetti u Zvilupp.

4. Illi l-kunsill lokali naqas illi jassigura ruhu illi s-sinjali ta' traffiku jitwahhlu qabel ma tigi nstallata sistema ta' sleeping policeman.

5. Illi minghajr pregudizzju ghal persunapersuna (sic) l-ammont reklamat mill-attur huwa wiehed esagerat.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt."

Bl-ispejjes."

Sema' l-provi u acceda fuq il-post tal-incident;

Ikkunsidra:

Illi jirrizulta mill-provi akkwiziti li:

1. L-incident gara bil-lejl.
2. Ir-road humps saru minn kuntrattur inkarikat mill-Kunsill Lokali tal-Munxar.

3. Fid-data tal-incident dawn ir-road humps kienu ghadhom kif saru u kienu tal-istess kulur u materjal tat-triq u cioe' lewn it-tarmac.
4. It-traffic signs appoziti li jservu biex iwissu li s-sewwieq ikun qieghed joqrob lejn road hump twahhlu wara l-incident, fil-mori ta' din il-kawza. Ir-road humps inzebghu bl-abjad wara l-incident.
5. Il-vettura tal-attur hija wahda baxxa iktar min-normal u kellha zidiet maghha ta' parafernalia li wkoll kienu vicin hafna tal-art. Ma ngiebet l-ebda prova li dawn iz-zidiet kienu approvati mill-Kummissarju tal-Pulizija

Jirrizulta illi l-Ministeru Ghat-Trasport u Komunikazzjoni laqa' talba tal-Kunsill konvenut biex dan jigi awtorizzat jaghmel ir-road hump in kwistjoni – flimkien ma' ohra iktar 'l isfel - taht diversi kundizzjonijiet kif jirrizulta mill-ittra tat-2 t'Awwissu 2002 a fol 40 sa fol 43 tal-process. Dawn il-kundizzjonijiet ma kinux ghadhom gew onorati mill-Kunsill meta sehh l-incident. Fost dawn il-kundizzjonijiet kien hemm:

Road Hump location and road markings are to be painted in <u>white paint only</u> and the installation of the associative advance Road Hump warning signs is obligatory.

Bhala l-gvern lokali, il-Kunsill ghandu obbligu lejn is-sewwieqa tal-vetturi li jipprovdilhom toroq siguri u hielsa minn kull periklu u parti importanti minn din l-obbligazzjoni tigi sodisfatta permezz ta' senjeletika tat-traffiku maghmula skond il-ligi. F'dan il-kaz, il-Kunsill bi ksur tal-obbligi tieghu imposti mill-awtorita' kompetenti, ghamel road hump fi triq ewlenija bla m' ghamel ebda sinjali tat-twissija u bla ma zebagh ir-road hump bajda sabiex jiddistingwiha mill-bqija tat-triq. Ghalhekk il-Kunsill holoq trabokk ghas-sewwieq li jkun ghaddej ghall-affari tieghu.

Il-fatt li l-Kunsill qabbad kuntrattur kompetenti biex iwahhal is-senjeletika tat-traffiku mhix difiza ghall-azzjoni odjerna billi d-dottrina tal-*culpa in eligendo* giet ferm ristretta mill-Qrati taghna u ghalhekk il-Kunsill jibqghalu r-responsabilita' diretta ghal dak li jordna hu li jsir. F'dan ir-

rigward il-Manufacturing and Servicing Section fil-Ministeru ta'  Ghawdex kien semplici kuntrattur.

L-attur ma jidhirx li kien miexi b'xi speed eccessiv. B'danakollu huwa jahti wkoll in parti – ghalkemm parti mhux daqstant kbira – ghall-incident billi apparti li kien qeighed isuq karozza baxxa hafna iktar min-normal,  din kienet ukoll mizjuda b'accessorji ferm vicin l-art  u li ma jirrizultax li twahhlu fil-vettura bl-awtorizzazzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jillibera lill-konvenut Direttur Progetti u Zvilupp mill-osservanza tal-gudizzju, isib lill-Kunsill Lokali tal-Munxar responsabbli ghall-incident minhabba non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku u tal-ordnijiet tal-awtorita' kompetenti fit-tqeghid tar-road hump izda stante r-responsabbilita' kontributorja tal-attur  jikkundanna lill-istess Kunsill biex ihallas lill-attur is-somma ta' LM300 bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-eventwali hlas effettiv  bl-ispejjez kollha a kariku tal-istess Kunsill konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------